MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 556/1986/1

**Alfred Agius**

**v.**

**Angelo Cutajar u ghall-interess li jista' jkollha Rita mart Alfred Agius**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. F'din il-kawza Alfred Agius ("l-attur", u issa "l-appellant") harrek lil Angelo Cutajar ("il-konvenut", u issa "l-appellat"), u giet imharrka wkoll, ghall-interess li jista'

jkollha, mart l-attur stess, Rita Agius ("il-konvenuta"). Filwaqt illi l-konvenut kkontesta l-kawza, il-konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

2. Din il-kawza tikkoncerna talba maghmula mill-attur ghar-rifuzjoni ta' deheb u oggetti ohra prezzjuzi (sebgha u ghoxrin partita b'kollox, kif elenkati fid-Dokument A *a fol.* 4 tal-process) jew, fin-nuqqas, ghall-hlas tal-valur taghhom. L-attur jallega li dawn l-oggetti nghataw mill-konvenuta martu lill-konvenut u jallega li dan it-trasferiment kien null. Il-konvenut ammetta li rcieva xi oggetti tad-deheb minghand il-konvenuta izda f'ammont anqas minn dak li jippretendi l-attur kif ukoll martu. Ic-citazzjoni odjerna giet ipprezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili u din tat is-sentenenza taghha fis-7 ta' April, 1997. B'din is-sentenza ntlaqghu *in parte* t-talbiet ta' l-attur u l-konvenut gie kkundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsin lira rapprezentanti l-valur ghall-oggetti tad-deheb li hu kien ircieva llegalment minghand il-konvenuta. L-attur issa qieghed jappella minn din is-sentenza in kwantu l-ewwel Qorti laqghet is-sottomissjonijiet tal-konvenut dwar il-*quantum* ta' l-oggetti prezzjuzi konsenjati lilu mill-konvenuta.

3. Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, ser tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza ta' l-ewwel Qorti peress li minnha jirrizultaw it-talbiet ta' l-attur, il-kontestazzjoni tal-konvenut, il-fatti l-aktar saljenti tal-kawza kif ukoll il-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti in sostenn tal-konkluzjoni li waslet ghaliha. Is-sentenza appellata tghid hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Gunju 1986, li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni dotali u parafernali ta' martu l-konvenuta Rita Agius, kellu taht il-kontroll tieghu d-deheb u l-oggetti prezzjuzi indikati fl-anessa lista Dok A; illi l-konvenuta tat dawn l-oggetti lill-konvenut Angelo Cutajar; illi din id-donazzjoni jew trasferiment b'titolu iehor hija nulla billi l-konvenuta kienet affetta minn mard mentali li jimpediha li taghti kunsens

validu u billi "d-donazzjoni" saret in konsiderazzjoni ta' kawza illecita u fi kwalunkwe kaz hija nulla u billi ma saritx b'att pubbliku; u billi l-konvenut interpellat, irrifjuta li jirrestitwixxi l-imsemmija oggetti jew ihallas il-valur taghhom; talab:-

"1. li tigi dikjarata nulla u bla effett id-donazzjoni jew trasferiment b'titolu iehor ta' l-oggetti elenkati fid-dokument A;

"2. li l-konvenut Angelo Cutajar jigi kundannat jirrestitiwixi l-imsemmija oggetti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti;

"3. li fin-nuqqas m'ghandux il-valur ta' l-imsemmija oggetti jigi stabbilit minn din il-Qorti okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi;

"4. li l-konvenut jigi kkundnnat ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' April 1986, u bl-imhgax min-notifikata ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti jew min minnhom, li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-attur.

"Rat in-nota tal-konvenut Angelo Cutajar prezentata fit-18 ta' Dicembru 1986, li permezz taghha eccepixxa illi mhux minnu li l-konvenuta Rita mart Alfred Agius tatu l-oggetti kollha elenkati fid-dokument A anness mac-citazzjoni, izda hija kienet tatu biss parti zghira minnhom.

"Rat-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Cutajar.

"Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Frar 1987 li permezz tieghu gie verbalizzat li l-konvenut Cutajar ma jikkontestax l-ewwel talba kontenuta fic-citazzjoni.

“Rat in-nota tal-konvenut Cutajar tas-17 ta’ Frar 1987, fejn gew elenkati l-oggetti li, skond hu, gew moghtija lilu mill-konvenuta Rita Agius.

“Rat li l-konvenuta Rita Agius debitament notifikata bic-citazzjoni fid-29 ta’ Novembru 1986, baqghet ma pprezentat ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci.

“Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Gunju 1987, li permezz tieghu gew mahtura bhala periti a spejjez provvizorjament ta’ l-attur Dr. Antoine Fiott u Francesco Agius sabiex ifittxu u jirrelataw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

“Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu 1992, li permezz tieghu l-perit legali gie sostitwit b’Dr. Consuelo Scerri Herrera bl-istess inkarigu u fakoltajiet, li sussegwentement giet sostitwita b’Dr. Simon Micallef Stafrace fis-27 ta’ Jannar, 1993.

“Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru, 1996.

“Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti.

“Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-14 ta’ Frar 1997, meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“Illi l-ewwel haga li trid tigi rilevata hija li l-konvenut Cutajar fis-seduta tas-17 ta’ Frar 1987, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-ewwel talba ta’ l-attur. Din id-dikjarazzjoni fil-kuntest ta’ l-eccezzjoni tieghu fis-sens li ma kienx irceva minghand l-konvenuta Rita Agius l-oggetti kollha elenkati fil-lista annessa mac-citazzjoni ma tfissirx haga ohra hlief li l-konvenut ammetta li kull donazzjoni jew trasferiment b’titolu iehor ta’ l-oggetti moghtija lilu mill-konvenuta Rita Agius, kienet ghal kull finijiet u effetti ohra tal-ligi, nulla u

bla effett. Il-Qorti ghalhekk mhux tenuta toqghod tezamina l-kwistjonijiet kollha ta' natura legali u ta' fatti li jistghu jkunu involuti f'din it-talba. Infatti l-kontestazzjoni kollha li hadet hdax-il sena biex tigi definita, hija limitata ghal kwistjoni ta' kemm deheb kien inghata lill-konvenut u li ghalhekk ghandu jigi ritornat minnu lill-attur.

"Ikkunsidrat:

Illi dwar il-mertu proprju ta' din il-kawza u cioe` kemm deheb effettivament inghata lill-konvenut, kull ma kellu xi jghid il-perit legali hu li din hi kwistjoni ta' kredibilita` li hi kemm xejn problematika minhabba l-mard mentali ta' Rita Agius. L-esponent (cioe` l-perit legali) pero` huwa tal-fehma illi hija aktar kredibbli t-tezi ta' l-attur u ta' martu. B'dawn il-kliem il-perit legali ddecieda l-kawza.

"Ikkunsidrat:

"Illi biex tasal ghal decizjoni dwar liema effetti tad-deheb gew moghtija lill-konvenut, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u senjatament l-istat mentali tal-konvenuta Rita Agius; il-fatt li din kienet ripetutament giet rikoverata l-istpar tal-mohh; l-istat ewforiku taghha meta tkun taht l-effetti ta' attakk; l-istatements li ghamlu kemm il-konvenut, kif ukoll l-istess Rita Agius u x-xhieda li kienu involuti fil-kaz; il-possibilita` li l-istess Rita Agius marret ma' rgiel ohra u ghalhekk setghet tat xi deheb lil terzi persuni.

"Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma tistax ma tosservax il-mod kategoriku u dettaljat li bih il-konvenut ghamel statement lill-Pulizija meta dan gie intervistat. F'dik l-okkazzjoni, li kienet qrib hafna ghad-data meta gie moghti d-deheb, il-konvenut spjega ezattament f'liema okkazzjonijiet gie moghti d-deheb u ta wkoll deskrizzjoni preciza tad-diversi oggetti tad-deheb li gew fil-pussess tieghu. Infatti wara li semma' l-okkazzjoni li fiha nghata l-brazzuletta tad-deheb dwar liema gie wkoll korroborat mix-xhud Emanuel Farrugia, dan kompla stqarr hekk:

"Din id-darba gabet maghha naqra deheb go borza tal-plastik. Din taghtuli u jien staqsejtha 'dan id-deheb ghalfejn' Din qalti "ghax niffansjak'. Din damet mieghi madwar kwarta biss u telqet. Id-deheb li gabitli dakinhar kien jikkonsisti fi tlett icrieket, wiehed ta' l-engagement tar-ragel, curkett taz-zwieg tar-ragel, u iehor bl-isem Rita fuqu. Kien hemm ukoll gizirana rqieqa b'salib, par imsielet tondi u bicca deheb bid-disinn. Kien hemm ukoll curkett zghir bl-ittra A.F. fuqu, par imsielet, brazzuletta forma ta' serp, labra u zewg crieket li dawn kien sett u kienu tal-filograno. Dan kien ta' kulur iswed u qaluli li ma jiswa xejn u ghalhekk armejtu. Jien dawn l-affarijiet biss niftakar li taghtni Rita."

"B'kuntrast ma' din id-deskrizzjoni preciza u dettaljata tal-konvenut ghandna x-xiehda tal-konvenuta Rita Agius li waqt li kienet qed taghmel l-istqarrija mal-pulizija giet murija l-lista preparata minn zewgha u din semplicement ikkonfermat il-kontenut taghha bhala l-oggetti li gew moghtija lill-konvenut. Da parti tieghu l-attur xehed li d-deheb indikat fil-lista annessa mac-citazzjoni naqas mid-dar. Dan jista' jkun minnu. Izda filwaqt li ma jistax jigi kontestat mill-konvenut, daqstant ma jistax l-attur jikkonferma li dawk l-oggetti kollha hemm indikati nghataw lill-konvenut.

"Ikun xieraq li wiehed josserva li, kif jirrizulta mill-istima ta' l-espert tekniku, meta l-konvenut iddeskriva l-oggetti li gew moghtija lilu ma qaghadx jillimita ruhu ghal dawk ta' valur zghir biss izda semma' wkoll effetti ta' certa valur. Dan izid l-kredibbilita` tieghu.

"Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet hi tal-fehma li l-konvenut giet moghti biss l-effetti tad-deheb minnu dikjarati fl-istqarrija lill-pulizija.

"Valutazzjoni

"Jidher li l-effetti moghtija lill-konvenut ma ghadhomx fil-pussess tieghu. Konsegwentement l-istess konvenut ma jistax kundannat jirrestitwixxi dan id-deheb kif mitlub bit-tieni talba attrici. Isegwi li l-konvenut ghandu jhallas il-

valur gust ta’ l-istess oggetti tad-deheb u dan skond kif mitlub fit-tielet u r-raba’ talbiet attrici.

“Il-perit tekniku Agius ipprezenta r-rapport tieghu datat 9 ta’ Gunju 1992, fejn ghamel stima ta’ l-oggetti kollha elenkati fil-lista Dok. A, a bazi ta’ dak li qalulu l-partijiet u d-disinji li saru u dan stante li ma kellux a disposizzjoni tieghu l-istess oggetti. Il-Qorti ghalhekk sejra tikkomputa l-valur tad-deheb li gie moghti lill-konvenut a bazi ta’ din l-istima u ghal dan il-fini sejrin jigu elenkati l-effetti kollha kif indikati mill-konvenut u maghhom jigi indikat in-numru progressiv skond il-lista Dok. A u l-valur skond l-istima tal-Perit tekniku.

| “Deskrizzjoni ta’ l-oggett | Numru | Valur |
|---|---|---|
| Bazzuletta | 15 | Lm160 |
| Curkett engagement tar-ragel | 1 | Lm150 |
| Curkett taz-zwieg tar-ragel | 2 | Lm 35 |
| Curkett tad-deheb bl-isem Rita | 5 | Lm 40 |
| Gizirana rqieqa b’salib | 13 & 25 | Lm 55 |
| Par imsielet tondi | 20 | Lm 20 |
| Bicca deheb bid-disinn | Parti minn 9 | Lm150 |
| Curkett zghir bl-ittra A.F. | 4 | Lm 15 |
| Par imsielet | 19 | Lm 25 |
| Brazzuletta forma ta’ serp | Parti minn 9 | Lm200 |
| Labra | 22 | Lm 45 |
| Zewg crieket tal-filogranu | Parti minn 9 | Lm 80 |
| Curkett b’hagra sewda | 6 | Lm 35 |
| Total……………………….. | | ……….. Lm1150 |

“Il-konvenut ghandu jhallas l-ammont fuq imsemmi.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza filwaqt li tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur stante ammissjoni izda dan limitatament ghal dawk l-oggetti tad-deheb li jirrizulta li nghataw lill-konvenut kif spjegat, u in vista tal-fatt li l-konvenut m'ghadux fil-pussess ta' l-istess effetti tad-deheb, tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin rapprezentati prezz ta' oggetti tad-deheb lilu moghtija llegalment.

"Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs mill-attur u nofs mill-konvenut, hlief ghal dawk tal-kovenuta Rita Agius li ghandha tbati l-ispejjez taghha."

**<u>II L-APPELL</u>**

4. L-attur qieghed jappella minn din is-sentenza. Huwa jaqbel sostanzjalment mal-kontenut taghha hlief ghal dik il-parti fejn il-Qorti laqghet is-sottomissjonijiet tal-konvenut dwar il-*quantum* ta' l-oggetti prezzjuzi konsenjati lill-konvenut mill-konvenuta. Fl-appell tieghu l-appellant qieghed isostni li l-verzjoni ta' l-attur u ta' martu l-konvenuta huma ferm aktar kredibbli mill-verzjoni li ta l-konvenut. Ghalhekk, l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet in parti d-domanda ta' l-attur, u minflok tilqa' d-domandi riferibbilment ghall-oggetti prezzjuzi kollha elenkati fid-dokument A9, A10 u A11, jew ghall-valur taghhom – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

5. Il-konvenut appellat ma pprezenta ebda risposta ta' l-appell. Madankollu huwa kkontesta l-appell tramite d-difensur tieghu, li tratta oralment quddiem din il-Qorti.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Fl-ewwel lok ghandu jigi notat li ma hemm ebda appell, lanqas wiehed incidentali, dwar l-akkoljiment li ghamlet l-ewwel Qorti ta' l-ewwel talba ta' l-attur in kwantu din tolqot il-pretensjoni tieghu li d-donazzjoni tad-deheb u l-oggetti

ohra prezzjuzi li saret mill-konvenuta lill-konvenut hija nulla u bla effett.

7. Dan l-appell jinvolvi essenzjalment kwistjoni ta' apprezzament tal-provi akkwiziti fil-process, biex jigi determinat l-ammont ta' deheb u oggetti ohra prezzjuzi li jirrizultaw li nghataw mill-konvenuta lill-konvenut. Dan ghaliex il-konvenut stess ammetta li l-konvenuta kienet effettivament ghaddieltu deheb b'donazzjoni, izda huwa qieghed jichad li din ghaddietlu d-deheb kollu indikat mill-aktar u mill-konvenuta u li jinsabelenkat fid-dokument A *a fol*. 4 tal-process.

8. L-ewwel Qorti tat aktar kredibbilita` lix-xiehda tal-konvenut ghar-ragunijiet imfissra minnha fis-sentenza appellata. Hija strahet hafna fuq id-deposizzjoni tal-konvenut, biex b'hekk identifikat id-deheb li hija rriteniet li gie sodisfacentement pruvat li kien trasferit b'donazzjoni mill-konvenuta lill-konvenut.

9. L-appellant jattakka l-kredibbilta` tal-konvenut billi jsostni li l-veracita` ta' dak li xehed ghandha tigi kkunsidrata fuq l-isfond ta' dak li rrizulta li hu l-karattru tieghu, cioe` ta' bniedem li approfitta ruhu minn mara ghaddejja minn krizi, biex hadilha d-deheb taghha u tar-ragel taghha, raqad maghha u ma ddejjaqx ilaqqaghha wkoll ma' diversi rgiel ohra biex ikollhom x'jaqsmu maghha.

10. L-appellant jikkritika s-sentenza appellata wkoll ghaliex hemmhekk inghata affidiment kbir lil dikjarazzjonijiet mhux guramentati li ghamel il-konvenut lill-pulizija. L-appellant issottometta li dawn id-dikjarazzjonijiet ghandhom jigu skartati ghal diversi ragunijiet fosthom li ma sarux bil-gurament u ma kienux suggetti ghall-kontro-ezami, kif ukoll ghaliex l-istess konvenut meta ghamel l-istess dikjarazzjoni mal-pulizija ma kien kategoriku xejn u semplicement qal li "dawn l-affarijiet biss niftakar li taghtini Rita".

11. L-appellant isostni li kien veru li l-konvenuta tbati minn ossessjonijiet, fi sfond ta' dipressjoni qawwija, li

jalternaw ma’ stati ohra ta’ ewforija ingustifikata. Imma f’ebda mument ma gie ppruvat li dan jaffettwa l-memorja jew s-sens ta’ veracita` taghha. L-appellant zied jghid li l-konvenut, immedjatament wara l-fatt, ikkonfermat mal-pulizija li l-oggetti li hi kienet tat lill-konvenut, kienu dawk kollha elenkati fid-dokument A a *fol. 4* tal-process.

12. L-appellant ghalhekk sostna li bejn it-tezi ta’ l-attur u dik tal-konvenut hija ferm aktar kredibbli t-tezi ta’ l-attur u ta’ martu l-konvenuta.

13. Kif inhuwa *ormai* maghruf, meta si tratta ta’ apprezzament tal-provi, din il-Qorti qatt ma tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti leggerment. Biex tiddisturba dak l-apprezzament, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, b’mod ghalhekk li din il-konkluzjoni tkun tohloq minnha nnifisha ingustizzja manifesta. Minn dan kollu, ma jirrizulta xejn f’din il-kawza.

14. Ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju wkoll li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega l-fatt u mhux fuq min jinnegah. Ghalhekk, f’dan il-kaz, l-oneru tal-prova li l-konvenuta ttrasferiet id-deheb kollu msemmi fid-dokument A *a fol.* 4 tal-process jinkombi strettament fuq spallejn l-attur. Il-fatt li l-attur jghid li d-deheb kollu taghhom sparixxa kollu mill-post fejn kien jinzamm, ma jindikax awtomatikament li dan id-deheb, kollu kemm hu spicca f’idejn il-konvenut. Huwa veru li fis-seduta tat-28 ta Lulju 1997, il-konvenuta kkonfermat li l-oggetti kollha li hemm fil-lista dokument A mehmuza mac-citazzjoni kienet tathom lill-konvenut Cutajar f’zewg okkazzjonijiet. Madankollu, din ix-xiehda tal-konvenuta trid tittiehed fl-isfond li hemm prova inkonfutabbli fil-process li sfortunatament hija kienet affettwata minn disturbi mentali serji li mhux eskluz li setghu affettwaw il-memorja taghha. M’hijiex eskluza wkoll il-possibilita` li l-konvenuta, meta kienet taht l-influwenza tal-marda taghha, setghet zammet il-kumpanija ta’ rgiel ohra (ara x-xhieda tal-konvenut f’dan is-sens) u ghalhekk setghet tathom xi deheb ukoll. Certament, il-konvenut agixxa b’mod ferm odjuz mal-

konvenuta, izda min-naha l-ohra, *a tempo vergine*, huwa ghamel dikjarazzjoni dettaljata lill-pulizija dwar x'kienu l-oggetti li effettivament kien rcieva minghand il-konvenuta. Huwa spejga ezattament f'liema okkazjonijiet gie moghti lilu d-deheb, b'deskrizzjoni tajba ta' dawn l-oggetti u wkoll l-valur li ottjena meta bieghhom f'certi kazi. Jirrizulta wkoll li l-ewwel Qorti tat affidament lix-xiehda tal-konvenut ukoll ghaliex huwa ma semmiex biss xi zewg affarijiet ta' ftit valur izda semma' wkoll oggetti ta' certu valur.

15 Ghalhekk, fuq il-bazi tal-provi akkwiziti fil-process, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti setghet validament tqis li l-attur ma ssodisfax l-oneru tal-prova impost fuqu u cioe` l-prova li d-deheb kollu elenkat fid-dokument A *a fol.* 4 tal-process gie mghoddi lill-konvenut, u li allura l-verzjoni tal-konvenut kienet fic-cirkostanzi aktar kredibbli mill-verzjoni ta' l-attur u tal-konvenuta.

16. Fl-ahharnett, l-appellant ressaq ilment dwar il-kap ta' l-ispejjez. Huwa ssottometta li ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni l-fatt li nzammu tmien seduti quddiem il-perit gudizzjarju, li fihom ma sar xejn, dejjem bi htija tal-konvenut. Minn ezami tal-process jirrizulta li dan l-aggravju huwa gustifikat. Infatti, il-perit gudizzarju Dr. Simon Micallef Stafrace zamm tmien seduti li fihom ma sar xejn, ghal ragunijiet attribwibbli lill-konvenut. Huwa evidenti li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-hela tal-hin u ta' l-ispejjez relattivi. Is-seduti in kwistjoni huma dawk li zammhom il-perit gudizzarju fil-15 ta' Lulju 1993, fil-25 ta' Lulju 1993, fl-1 ta' Settembru 1993, fl-1 ta' Dicembru 1993, fid-9 ta' Dicembru 1993, fit-30 ta' April 1994, u fid-9 ta' Novembru, 1994.

17. Ghalkemm l-appell fil-meritu ma jistax jigi milqugh minn din il-Qorti, madanakollu xorta wahda jidhrilha li tkun haga gusta li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez, anke ghaliex jirrizulta bic-car lil din il-Qorti li dan il-litigju nholoq ghaliex il-konvenut ma ddajjaq xejn japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni tal-konvenuta li kienet ghaddejja minn krizi serja f'hajjitha, kif issemma' fil-korp ta' l-odjerna sentenza.

18. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell fil-meritu u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appelleta f'dan ir-rigward. Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, tordna li l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' din it-tieni stanza ghandhom jigu sopportati nofs mill-attur u nofs mill-konvenut, hlief li l-ispejjez ta' l-imsemmija tmien seduti mizmuma mill-perit gudizzjarju ghandhom jigu kollha sopportati mill-konvenut Angelo Cutajar. Fl-ahharnett, tordna li l-ispejjez tal-konvenuta, jekk ghandha, ghandha tbatihom hija stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------